13 ta' Gunju, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Miriam Camilleri et. versus Victor Gera et. ne.

**Lokazzjoni — Żgumbrament — "Giudizi Preventivi" — Spejjeż Gudizzjarji.**

*Il-lokatur jista', fil-kors tal-lokazzjoni, jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-iżgumbrament fit-tmiem tal-lokazzjoni, avvolja l-lokazzjoni tkun għadha miexja; salv ir-regolament tal-kap ta' l-ispejjeż. Dawn huma "giudizi preventivi", li fil-liġi stess u fil-ġurisprudenza hemm eżempji tagħhom.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi ppremettew li bi skrittura privata tal-5 ta' Lulju 1948 (dok. A) l-inkwilinat ta' li store fi Strait Street numru 160, Valletta, ġie assenjat lid-ditta "The Economical British Dispensary", iżda ġie konċess lid-ditta konvenuta li jkollha l-użu gratuwitu tal-"ground floor and basement" ta' dak li store għal żmien tliet snin, li jgħalqu fil-5 ta' Lulju 1951; u illi bi skrittura oħra tat-13 ta' Novembru 1950 (dok. B) l-imsemmi inkwilinat għadda għand u ġie interament u esklużivament assenjat lill-attriċi; li l-konvenuti qegħdin jopponu ruħhom li joħorġu minn l-imsemmi store malli jgħalqu t-tliet snin fuq imsemmijin; illi l-attriċi għandhom interess kbir li dak li store ikun koilu kemm hu taħt idejhom mill-iżjed fis; u talbu li, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jiżgumbraw

mill-"ground floor and basement" ta' l-imsemmi fond nru. 160 Strait Street, Valletta, fil-5 ta' Lulju 1951, u jikkonsenjawlhom iċ-ċwievet ta' l-istess. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Ma hux kuntrastat bejn il-kontendenti illi l-perijodu ta' tliet snin, li għalih il-konvenuti kellhom l-użu gratuwitu tal-"ground floor" u "basement" ta' li store "de quo", jgħalqu, skond l-iskrittura eżibita in kopja fol. 5 (ara verbal dwarha fol. 18), fil-5 ta' Lulju 1951, u li l-inkwilinat tal-fond kollu jmiss liż-żewġ attriċi. Il-kontestazzjoni hi unikament dwar l-intempestività ta' l-azzjoni, peress li ċ-ċitazzjoni ġiet intavolata fit-30 ta' Marzu 1951, mentri t-terminu ta' l-użu fuq imsemmi jispira fil-5 ta' Lulju li ġej;

Ikkunsidrat dwar dan il-pont;

Illi l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha "Galea vs. Agius", 11 ta' Ġunju 1943, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza preċedenti, irriteniet illi l-lokatur jista' "fil-kors tal-lokazzjoni" jitlob il-kundanna tal-konduttur għall-iżgumbrament wara t-tmiem tal-lokazzjoni, salv ir-regolament tal-kap ta' l-ispejjeż, billi l-lokatur ikun għamel hekk għav-vantaġġ esklużiv tiegħu;

Dina l-Qorti żżid il-konsiderazzjoni illi f'dan il-każ iż-żewġ attriċi kellhom interess li jistitwixxu l-ġudizzju "issa", għaliex, jekk il-konvenuti ma jiżgumbrawx fiż-żmien tal-għeluq tat-terminu, il-kawża ma kienetx tista' ssir fil-ferjat, u kien ikollha tiġi rimessa għas-sessjoni tal-Vittorja, bi ħsara taż-żewġ attriċi. Għalhekk ma hux korrett dak li ġie osservat mid-difensur tal-konvenuti, li l-azzjoni odjerna qiegħda tinvesti t-tribunal b'kawża ozjuża, peress li, fil-fatt, għall-attriċi l-azzjoni sejra ġġib riżultament utili fis-sens fuq imsemmi, u kwindi għandhom l-interess li jistitwuha;

L-Imħallef sedenti jżid ukoll il-konsiderazzjoni illi tant fil-liġi stess (ex. gr. art. 575-576 Kodiċi Ċivili, Kap. 23), kemm fil-ġurisprudenza (ara ex. gr. "Amato vs. Abela", P.A. 13 ta' April 1899, u qabel "Carbone utrinque", Prim'Awla 30 ta' Mejju 1885, paġ. 829, Vol. X, col. pr.), hemm eżempji ta' dawk li l-Galdi jsejjaħ "giudizi preventivi" (Comm. Cod. Proc. Civ. Vol. I, paġ. 282);

Kwantu għall-ispejjeż, l-Imħallef sedenti jidhirlu li hu ġust ir-regolament tagħhom kif magħmul f'każ analogu, Prim'Awla "Ellul vs. Galea", 26 ta' Ottubru 1902, fis-sens infraskritt;

Għalhekk tiddeċidi;

Adeżivament għad-domanda, bl-ispejjeż kontra ż-żewġ attriċi jekk effettivament il-konvenuti jiżgumbraw fil-5 ta' Lulju 1951; diversament, bla taxxa.